MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2009

Numru. 760/2008

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND BORG**

**KONTRA**

**ANTOINE GRIMA ta’ 20 sena, iben Albano u Lorraine nee’ Spiteri, imwieled Tal-Pieta’ nhar is-16 ta’ Marzu, 1989, residenti fil-fond numru 20, Triq l-Irmigg, Wied il-Ghajn, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 141389M;**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **ANTOINE GRIMA**, li gie akkuzat talli:

a. Nhar is-16 ta’ Awwissu, 2008 ghall-habta ta’ l-10.30 ta’ fil-ghodu, fil-waqt illi kine fi Triq il-Hortan, gewwa Wied il-Ghajn, bi vjolenza u b’theddid gieghel lis-Surgent tal-

Pulizija 1210 James Gauci u l-Kuntistabbli tal-Pulizija 1363 Alessio Spiteri, bhala ufficjali pubblici li jaghmlu jew ma jaghmlux xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga taghhom;

b. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi fil-waqt illi kien fi Triq il-Hortan, Wied il-Ghajn, u aktar tard fl-istess gurnata u fl-inhawi ta' Wied il-Ghajn, fil-waqt illi kien qieghed jigi skortat lejn l-Ghassa ta' Haz-Zabbar attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta' Ps 1210 James Gauci u PC 1363 Alessio Spiteri, bhala persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt illi kienu qeghdin jagixxu fl-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita' kompetenti;

c. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, fil-waqt illi kine fi Triq il-Hortan, Wied il-Ghajn, u aktar tard fl-istess gurnata u fl-inhawi ta' Wied il-Ghajn, fil-waqt illi kien qieghed jigi skortat lejn l-Ghassa ta' Haz-Zabbar, ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PS 1210 James Gauci u PC 1363 Alessio Spiteri, bhala persuni ta' wiehed inkarigat skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt illi kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu qeghdin jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb illi jbezza' jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

d. U aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, fil-waqt illi kien fi Triq il-Hortan, gewwa Wied il-Ghajn u aktar tard fl-istess gurnata u fl-inhawi ta' Wied il-Ghajn, fil-waqt illi kien qieghed jigi skortat lejn l-Ghassa ta' Haz-Zabbar, volontarjament ikkawza griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PS 1210 James Gauci bhala persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt illi kien qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skond il-Ligi minn awtorita' kompetenti, skond kif iccertifikat minn Dr Lara Attard MD mic-Centru tas-Sahha ta' Bormla;

e. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-waqt illi kien fi Triq il-Hortan gewwa Wied il-Ghajn, u aktar

tard fl-istess gurnata, fil-waqt illi kien fl-Ghassa ta’ Haz-Zabbar, ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta’ l-awtorita’ jew ta’ wiehed illi jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel waqt illi l-pulizija kienu qeghdin jaghmlu d-dmirijiet taghhom;

f. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi fil-waqt illi kien fi Triq il-Hortan, Wied il-Ghajn, u aktar tard fl-istess gurnata u fl-inhawi ta’ Wied il-Ghajn, fil-waqt illi kien qieghed jigi skortat lejn l-Ghassa ta’ Haz-Zabbar, ikkawza hsara volontarja, cioe’ billi qatta’ parti mill-uniformi ta’ PS 1210 James Gauci, liema hsara teccedi l-Lm10.00 (€23.29) , izda mhux izjed minn Lm50.00 (€116.47), ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta;

g. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, fil-waqt illi kien fi Triq il-Hortan, Wied il-Ghajn, u aktar tard fl-istess gurnata, fil-waqt illi kien fl-Ghassa ta’ Haz-Zabbar, stieden ghall-glied lil PS 1210 James Gauci u PC 1363 Alessio Spiteri u ufficjali ohra tal-pulizija;

h. U aktar talli dakinhar, fil-waqt illi kien fl-inhawi ta’ Wied il-Ghajn, minghajr ma darab jew sawwat lil Simon Woodhead, heddu permezz ta’ sikkina;

i. U aktar dakinhar fl-inhawi ta’ Wied il-Ghajn, qabad armi (cioe’ sikkina) kontra Simon Woodhead;

j. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, fil-waqt illi kien fi Triq il-Hortan, Wied il-Ghajn, u aktar tard fl-istess gurnata, fil-waqt illi kien fl-Ghassa ta’ Haz-Zabbar, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b’ghajjat u glied;

k. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, fil-waqt illi kien fi Triq il-Hortan, Wied il-Ghajn, u aktar tard fl-istess gurnata, fil-waqt illi kien fl-Ghassa ta’ Haz-Zabbar, qal kliem oxxen, indecenti u dagha;

l. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, fil-waqt illi kien fi Triq il-Gardiel, Wied il-Ghajn, kellu strument li jaqta’ u bil-ponta minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

m. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, gab ruhu b'tali mod li kkaguna lil haddiehor biza' li ser tintuza vjolenza kontra taghhom, meta huwa kien jaf jew missu kien jaf illi b'tali mgieba tieghu ser jikkaguna lil haddiehor biza'.

Rat li nghata l-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, kif ukoll illi fi stadju ta' interrogatorju l-akkuzat wiegebili ma kienx hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, b'dan pero li fis-seduta mmedjata huwa rregistra ammissjoni. Kien ghalhekk illi l-Qorti laqghet it-talba u ordnat li jigi redatt *Pre-Sentencing Report*;

Rat ghalhekk ir-rapport imsemmi ezebit a folio 53 – 60 mill-Ufficjal tal-Probation Chantal Avellino;

Rat ukoll ix-xhieda ta' Simon Woodhead li ghalkemm xehed dwar kif gie aggredit mill-akkuzat, anke b'uzu ta' sikkina, li l-akkuzat xejjer lejh, u fi kliemu beda jdawwarha (folio 220), zied fix-xhieda tieghu li pero kien qieghed jahfirlu;

Rat ukoll fl-istqarrija ta' l-akkuzat.

Qieghda wara li rat l-atti kollha, u in vista' ta' l-ammissjoni rregistrata ssib lil Antoine Grima hati ta' l-akkuzi kif migjuba kontra tieghu, u dan anke wara li rat l-Artikoli 91, 95, 96, 325, 338, 339 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundannah sitt(6) xhur habs sospizi ghal sena(1) ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------